



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2014
COM(2014) 567 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-
riċerka u l-innovazzjoni**

{SWD(2014) 276 final}

1. KUNTEST

F'Settembru 2012, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni bl-isem "Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: approċċ strateġiku"¹. Il-Komunikazzjoni ntlaqgħet mill-Parlament Ewropew², mill-Kunsill³, mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴ u mill-Kumitat tar-Regġuni⁵.

Il-Komunikazzjoni enfasizzat li l-isfidi globali jitolbu risponsi globali u huma xprunaturi għal kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-involviment fil-kooperazzjoni internazzjonali huwa essenzjali wkoll biex jiġi attirat it-talent u jkun hemm aċċess għall-għarfien u s-swieq biex b'hekk tiżdied il-kompetittività tal-UE.

Għalhekk hija meħtieġa kooperazzjoni msaħħa tal-UE mas-sħab internazzjonali tagħha biex tinbena massa kritika, jiġi kondiviż l-għarfien u jiġu identifikati soluzzjonijiet innovattivi. Dan jirrikjedi strateġija li tinkludi d-dimensjonijiet kollha tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Din għandha żżid l-kooperazzjoni fil-livelli bilaterali u reġjonali, kif ukoll permezz ta' fora multilaterali, iżda għandha toħloq ukoll sinerġiji mal-politiki esterni tal-UE u mal-Istati Membri.

Għaldaqstant, il-Komunikazzjoni enfasizzat li t-titjib u l-fokus tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE jirrikjedu approċċ li jirrifletti bis-sħiħ id-dimensjoni globali tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-aspetti kollha tagħha. Dan huwa stabbilit f'Orizzont 2020 li jiffoka iżjed fuq il-kooperazzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, lil hinn minn Orizzont 2020, l-istrateġija ffukat ukoll fuq it-tisħiħ tad-dimensjoni tal-innovazzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali bl-iżvilupp ta' prinċipji u kundizzjonijiet ta' qafas adattati biex isir dan, fuq it-tisħiħ tal-involviment f'inizjattivi multilaterali, u fuq it-titjib tas-sinerġiji mal-politiki esterni tal-UE⁶ u l-attivitajiet tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrapporta dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija fl-2014. Dan id-dokument jipprovdi rapport dwar is-sitwazzjoni attwali.

2. ID-DIMENSJONI INTERNAZZJONALI TA' ORIZZONT 2020

L-iżvilupp tad-dimensjoni internazzjonali ta' Orizzont 2020⁷ u tal-programm tal-Euratom⁸, u b'mod partikolari l-ewwel programmi ta' ħidma tagħhom, kien qasam ta' attività importanti tul l-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Il-leġislazzjoni ta' Orizzont 2020⁹ tenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali bħala prijorità trasversali. Sabiex Orizzont 2020 ikun jista' jikkontribwixxi lejn l-ilħuq tal-oġettivi tal-Komunikazzjoni 2012, ġie adottat approċċ doppju li jiffoka fuq kooperazzjoni ġenerali miftuħa u fuq kooperazzjoni internazzjonali mmirata.

¹ COM(2012) 497

² Fid-9 ta' Ottubru 2012, il-Kummissarju Geoghegan-Quinn ippreżenta l-Komunikazzjoni lill-kumitat ITRE tal-Parlament Ewropew

³ CSST/2013/10405

⁴ CESE/20122081

⁵ CDR/2012/2076

⁶ Bl-inklużjoni tal-politiki tal-iżvilupp u umanitarji

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013

⁹ Meta ssir referenza għal Orizzont 2020, dan għandu jinftehem li jinkludi l-programm tal-Euroatom

Permezz tal-kooperazzjoni ġenerali miftuħa, entitajiet legali minn madwar id-dinja jistgħu jipparteċipaw f'Orizzont 2020¹⁰. Din hija għodda importanti għat-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali u ser tkun essenzjali għal dawk il-partijiet ta' Orizzont 2020 li primarjament jaħdmu fuq bażi minn isfel għal fuq, għalkemm dawn iwettqu wkoll attivitajiet speċifiċi biex tiġi żviluppata dimensjoni internazzjonali.

L-għotjiet ta' flus mogħtija mill-Kunsill Ewropew għar-Riċerka qed jiġu rikonoxxuti dejjem aktar bħala għotjiet għall-eċċellenza xjentifika. Riċerkaturi minn madwar id-dinja jistgħu japplikaw għal għotja sakemm ir-riċerka tagħhom issir fi Stat Membru jew f'Pajjiż Assoċjat.

Il-parteeipazzjoni fil-Komunitajiet ta' Konossenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija hija miftuħa għal entitajiet legali minn madwar id-dinja. It-tliet KKI eżistenti fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli u l-ICT qed jikkollaboraw ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi.

L-infrastrutturi elettroniki għandhom dimensjoni internazzjonali b'saħħitha. L-għan tal-attivitajiet huwa li jkompli jiġi żviluppat l-ilħuq globali ta' GÉANT u infrastrutturi elettroniki tal-UE relatati biex jingħata aċċess għad-dejta u biex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni remota bejn ix-xjenzati minn madwar id-dinja.

L-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), fi ħdan Orizzont 2020, ser jagħmluha possibbli għal 15 000 riċerkatur minn barra l-Ewropa li jibdwu jew isegwu l-karrieri tagħhom fl-Ewropa. Barra minn hekk, qiegħed jiġi mħeġġeġ ukoll il-fatt li jiġu ssekondati riċerkaturi mill-Ewropa f'postijiet oħrajn fid-dinja. Huwa mistenni li sal-2020 ser ikunu pparteċipaw fl-MSCA aktar minn 3 500 organizzazzjoni mhux Ewropea .

Biex jikkumpla l-ftuħ ġenerali, Orizzont 2020 jinkludi wkoll attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali mmirati. Għal dawn l-attivitajiet, jiġu identifikati temi u sħab għall-kooperazzjoni minn qabel u dawn jiffukaw fuq oqsma fejn il-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali toħloq sitwazzjoni fejn kull parti tibbenefika.

L-identifikazzjoni ta' temi u sħab adattati għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali mmirata kienet parti mit-tnejn tal-ewwel programmi ta' ħidma ta' Orizzont 2020. Lista komprensiva ta' suġġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużi fil-programmi ta' ħidma hija disponibbli mill-Portal tal-Parteċipanti¹¹. Madwar 20 % tas-suġġetti kollha fl-ewwel programm ta' ħidma huma mmarkati bħala rilevanti għall-kooperazzjoni internazzjonali; persentaġġ oġġla minn dak tas-sena finali tal-FP7 (madwar 12 %). Madankollu, kien hemm tranżizzjoni lejn modi aktar sottili ta' stimular tal-kooperazzjoni internazzjonali b'inqas sejhiet¹² ikkoordinati u suġġetti fejn il-parteeipazzjoni ta' entitajiet minn pajjiżi terzi hija kriterju ta' eliġibbiltà. Il-kooperazzjoni internazzjoni hija mħeġġa l-aktar f'termini ġenerali.

L-aktar importanti huwa li hemm tendenza ċara lejn id-definizzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali f'termini globali li tmur lil hinn mis-sempliċi stimular tal-parteeipazzjoni diretta ta' riċerkaturi minn pajjiżi terzi fi ftehimiet ta' għotjiet iffirmati, bi tranżizzjoni lejn l-istimular ta' kooperazzjoni internazzjonali permezz ta' kontribut lejn inizzjattivi multilaterali.

¹⁰ Il-permess li tipparteċipa ma jimplikax neċessarjament li tingħata finanzjament mill-baġit ta' Orizzont 2020. Ir-regoli fir-rigward tal-finanzjament ta' parteċipanti minn pajjiżi terzi jingħataw fil-parti A tal-Anness dwar il-Kundizzjonijiet Ġenerali mal-programm ta' ħidma ta' Orizzont 2020 għal bejn l-2014-15

¹¹ <http://ec.europa.eu/research/participants/portal/desktop/en/opportunities/index.html>

¹² Sejħa kkoordinata tikkonsisti minn żewġ sejħiet li jinħarġu b'mod parallel mill-UE u l-pajjiż sieħeb rispettivament. Iż-żewġ sejħiet jistiednu proposti għal proġetti li jirrikjedu kooperazzjoni ma' entitajiet min-naħa l-oħra. L-istess proposta titressaq miż-żewġ naħa. Kull naħa tiffirma kuntratt mal-parteeipanti tagħha biss u tipprovdi finanzjament lil dawn biss.

Eżempju ta' kif l-istrateġija ddaħħlet fis-seħħ huwa pprovdut mill-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' Galway¹³ dwar it-tnedija ta' Alleanza ta' Riċerka fl-Oċean Transatlantiku, flimkien mal-Istati Uniti u l-Kanada permezz tas-sejħa Tkabbir Blu.

Il-parti ta' riċerka Fusion fil-programm ta' ħidma tal-Euratom tinkludi wkoll komponent b'saħħtu ħafna ta' kooperazzjoni internazzjonali, marbut partikolarment mal-Pjan Direzzjonali Ewropew Fusion u rappreżentat mill-proġett ewlieni ITER.

L-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali orizzontali huma ffinanzjati permezz tal-isfida "L-Ewropa bħala attur globali: soċjetajiet inklużivi, innovattivi u riflettenti". Dawn jappoġġjaw il-kooperazzjoni internazzjonali f'Orizzont 2020, iżda jinkludu wkoll attivitajiet li jmorru lil hinn minn Orizzont 2020, bħall-istimular ta' djalogu politiku mas-sħab internazzjonali tal-UE.

Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka jikkontribwixxi għall-kooperazzjoni internazzjonali permezz ta' attivitajiet speċifiċi ma' sħab ewlenin.

3. ŻVILUPP TA' PRINĊIPJI KOMUNI U KUNDIZZJONIJET TA' QAFAS GĦAL INVOLVIMENT FIL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Approċċ strateġiku lejn il-kooperazzjoni internazzjonali jirrikjedi l-iżvilupp ta' prinċipji komuni u kundizzjonijiet ta' qafas xierqa għall-involviment fil-kooperazzjoni. Dan huwa meħtieġ biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għar-riċerkaturi kollha minn madwar id-dinja biex jikkooperaw flimkien. Dawn il-prinċipji jikkonċernaw kwistjonijiet bħar-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli, l-integrità fir-riċerka, l-evalwazzjoni tal-proposti abbażi ta' reviżjoni tal-pari, il-promozzjoni tar-rwol tan-nisa fix-xjenza u d-dimensjoni tal-ġeneri fir-riċerka, il-karrieri fir-riċerka¹⁴, it-trattament ġust u ekwitabbli tal-IPR, l-aċċess għad-dejta u l-infrastruttura tar-riċerka, u l-aċċess miftuħ.

Biex jintlaħaq dan il-għan, il-Kummissjoni appoġġjat l-attivitajiet tal-Kunsill ta' Riċerka Globali (Global Research Council - GRC)¹⁵, organizzazzjoni volontarja u informali tal-kapijiet tal-kunsilli ta' riċerka. Bħala kisbiet ewlenin fi ħdan dan il-forum, fil-laqgħa tiegħu tal-2012, il-parteċipanti approvaw Dikjarazzjoni tal-Prinċipji f'livell għoli għal Reviżjoni tal-Mertu Xjentifiku, filwaqt li l-laqgħa tal-2013 approvat dikjarazzjonijiet dwar l-Aċċess Miftuħ u l-Integrità fir-Riċerka. Fil-laqgħa tal-2014 inħarġet dikjarazzjoni dwar kif tista' tiġi appoġġjata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' riċerkaturi.

Fil-kuntest tad-djalogi politiċi ma' pajjiżi u reġjuni sħab qed tingħata aktar attenzjoni lill-indirizzar tal-kundizzjonijiet ta' qafas għall-involviment fil-kooperazzjoni internazzjonali. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu mekkaniżmi ta' finanzjament għall-kooperazzjoni f'pajjiżi sħab, l-eliġibbiltà tal-kumpaniji barranin biex jipparteċipaw fi programmi ta' riċerka u żvilupp nazzjonali, sistemi tal-IPR, aċċess għall-akkwist pubbliku u l-kapital ta' riskju, u regolamenti dwar l-aċċess u s-sjieda għad-dejta.

F'dan il-kuntest, l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakoli għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet minn pajjiżi terzi fil-programmi ta' finanzjament tal-UE huma elementi kruċjali billi waħda mill-problemi ewlenin li jaffaċċjaw l-organizzazzjonijiet f'pajjiżi terzi hija finanzjament sigur li jkopri l-parteċipazzjoni tagħhom. Dan huwa partikolarment rilevanti għal daww il-pajjiżi li mhumx eleggibbli awtomatikament għall-fondi mill-baġit ta' Orizzont 2020, grupp ta' pajjiżi

¹³ <http://www.innovation.ca/sites/default/files/Rome2013/files/Canada-EU-US%20Galway%20Statement%20on%20Atlantic%20Research%20Cooperation%202013.pdf>

¹⁴ Pereżempju, bħalissa l-Kunsill qed jinnegozja riformolazzjoni tad-Direttiva 2005/71/KE dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka speċifika

¹⁵ <http://www.globalresearchcouncil.org/>

li issa jinkludi wkoll lill-Brażil, iċ-Ċina, l-Indja, il-Messiku u r-Russja. Dawn il-pajjiżi ġew imħeġġa biex jistabbilixxu mekkaniżmi biex jiffinanzjaw il-parteċipazzjoni tar-riċerkaturi tagħhom f'Orizzont 2020.

Sabiex jindirizza din il-kwistjoni kruċjali, il-Messiku ħoloq mekkaniżmu kumplementari ta' finanzjament li jaqbel¹⁶, li jipprovdi sors ta' finanzjament lis-sħab Messikani fi proġetti ta' Orizzont 2020 li jirnexxu u li jista' jservi ta' mudell sabiex jispira inizjattivi simili f'pajjiżi sħab oħrajn. Bħala eżempju ieħor, nistgħu nieħdu New Zealand li implimentat mekkaniżmu ta' kofinanzjament speċifikament għall-proġetti ta' Skambju tal-Istaf għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ffinanzjati bħala parti mill-MSCA.

Id-diffikultajiet fl-ġhoti u l-infurzar tal-IPR jikkostitwixxu ostakolu għall-kooperazzjoni internazzjonali. Fir-rigward ta' dan il-punt, id-djalogu dwar l-IPR bejn l-UE u l-Brażil ra titjib fil-protezzjoni tal-IPR fil-Brażil. Fir-rigward tal-Istati Uniti, il-kundizzjonijiet ta' qafas tal-innovazzjoni jiġu indirizzati permezz ta' diskussjonijiet fis-Sħubija Transatlantika dwar il-Kummerċ u l-Investment (Transatlantic Trade and Investment Partnership - TTIP). Il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-kooperazzjoni mal-Indja b'mod ġenerali huma sodisfaċenti, madankollu ir-reġim tal-privattivi tagħha għandu jissaħħaħ. Fl-Afrika ta' Isfel, sar progress sinifikanti permezz ta' diversi biċċiet ta' leġislazzjoni li jittrattaw l-IPR.

Ir-riċerkaturi Ewropej li jixtiequ jipparteċipaw fi programmi f'pajjiżi sħab qed jaffaċċjaw diversi diffikultajiet, b'waħda minnhom tkun l-għadd limitat ta' sejħiet għal proposti miftuħin għal parteċipazzjoni Ewropea. L-aċċess għall-informazzjoni, l-ostakoli maħluqin mil-lingwa, kif ukoll il-proċeduri finanzjarji, amministrattivi u loġistiċi ħafna drabi qed inaqqsu b'mod *de facto* l-oportunitajiet ta' kooperazzjoni effettiva.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali mwaqqfin f'pajjiżi sħab jista' jkollhom ukoll rwol kruċjali, partikolarment permezz ta' azzjonijiet ikkoordinati tan-netwerk internazzjonali ta' NCPs. Dawn jistgħu jikkontribwixxu sabiex tiżdied il-viżibbiltà ta' Orizzont 2020 u sabiex jinġabar feedback dwar l-attivitajiet internazzjonali tal-istituzzjonijiet ta' riċerka fil-pajjiżi sħab.

4. ĦIDMA FLIMKIEN MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U B'INIZJATTIVI MULTILATERALI

Għall-isfidi globali f'oqsma kritiċi huwa aħjar jekk il-kooperazzjoni internazzjonali tiġi implimentata permezz ta' involviment miżjud ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u b'inizjattivi multilaterali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tejbet ukoll l-appoġġ għall-inizjattivi multilaterali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, li huwa rifless ukoll fl-ewwel programmi ta' ħidma ta' Orizzont 2020.

It-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tar-riżorsi u l-bijodiversità huma bla dubju wħud mill-akbar sfidi ambjentali, soċjali u ekonomiċi tas-seklu 21 li jirrikjedu sforzi fir-riċerka multilaterali fejn l-Ewropa kellha u għad għandha rwol prinċipali. F'dan l-ispirtu, l-isfida ta' Orizzont 2020 li ġġib l-isem ta' "Azzjoni klimatika, Ambjent, effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-materja prima" tappoġġja x-xogħol tal-Forum ta' Belmont¹⁷ li huwa grupp informali f'livell għoli ta' finanzjaturi (inkluża l-Kummissjoni) minn madwar id-dinja tar-riċerka dwar it-tibdil ambjentali globali, li jikkoordina l-finanzjament għar-riċerka kollaborattiva. Il-Forum ta' Belmont qed jipromwovi wkoll it-twaqqif ta' "Future Earth", il-programm internazzjonali

¹⁶ <http://www.conacyt.mx/index.php/el-conacyt/convocatorias-y-resultados-conacyt/convocatoria-conacyt-horizon2020>

¹⁷ <http://igfagr.org>

dwar is-Sostenibbiltà Globali li qed jintegra u jtejjeb il-programmi internazzjonali eżistenti¹⁸. Il-Kummissjoni hija wkoll waħda mill-kopresidenti tal-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (Group on Earth Observations - GEO)¹⁹, sħubija volontarja ta' gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali li tikkoordina l-isforzi sabiex tiġi stabbilita Sistema ta' Sistemi ta' Osservazzjoni tad-Dinja Globali (Global Earth Observation System of Systems - GEOSS). Jingħata appoġġ ukoll lill-Panil Intergovernattiv għat-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel for Climate Change - IPCC)²⁰, lill-korp internazzjonali ewlieni għall-valutazzjoni tat-tibdil fil-klima u korp speċifiku li jopera taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-isfida tas-Saħħa timmira li tappoġġja b'mod attiv l-implimentazzjoni ta' GLOPID-R, l-inizjattiva għall-Kollaborazzjoni fir-Riċerka Globali għat-Tħejjija għall-Mard Infettiv²¹. Inizjattivi simili huma appoġġjati wkoll, bħall-Konsorzju Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Mard Rari²² u l-Alleanza Globali għall-Mard Kroniku²³.

L-infrastrutturi elettroniċi jikkostitwixxu qasam ieħor fejn l-Ewropa hija attiva f'livell multilaterali, pereżempju fil-kuntest ta' GEANT jew l-Alleanza għad-Dejta ta' Riċerka²⁴.

Fir-rigward ta' fora multilaterali oħrajn, il-Kummissjoni mexxiet proċess li ġedded il-qafas finanzjarju tal-Programm tax-Xjenza tal-Fruntieri Umani²⁵. Hija kellha rwol attiv ukoll fl-aġġornament tal-istrateġija Ewropea għall-fiżika tal-partikoli²⁶ mmexxija minn CERN. Is-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-EIROforum²⁷ issa hhet. Il-Kummissjoni kellha rwol attiv fl-iżvilupp tal-Pjan Direzzjonali Strateġiku EUREKA 2020.

Ingħatat prova li l-aqwa Prattika biex tiġi indirizzata n-nanosigurtà hija f'forma ta' approċċ multilaterali. Il-proġett Nanoreg, li ġie żviluppat fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma tal-OECD dwar in-Nanomaterjali Mmanifatturati, jibbenefika minn finanzjament multilaterali mill-FP7 (EUR 10 miljun), mill-Istati Membri (EUR 30 miljun) u mill-industrija (EUR 10 miljun).

Il-Kummissjoni kienet parteċipanta attiva f'diversi korpi tal-OECD li jitrattaw il-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll kwistjonijiet ta' enerġija, notevolment il-Forum tax-Xjenza Globali (Global Science Forum - GSF), il-Kumitat dwar il-Politika tax-Xjenza u t-Teknoloġija (Committee for Science and Technology Policy - CSTP), il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (Working Group on Technology and Innovation Policy - TIP), il-kumitati li jaqgħu taħt l-Aġenzija tal-Enerġija Nukleari (Nuclear Energy Agency - NEA) u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (International Energy Agency - IEA). L-UE għandha rwol ewlieni fil-kuntest tal-organizzazzjoni internazzjonali ITER u fil-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV.

L-UE kienet irrappreżentata mill-Kummissjoni fil-Laqqha tal-Ministri tax-Xjenza tal-G8 li saret f'Londra fit-12 ta' Ġunju 2013, fejn ix-xogħol kontinwu tal-Grupp ta' Uffiċjali Anzjani

¹⁸ Bl-inklużjoni tad-WCRP (World Climate Research Programme – Programm Dinji ta' Riċerka dwar il-Klima), l-IGBP (International Geosphere and Biosphere Programme – Programm Internazzjonali dwar il-Ġeosfera u l-Biosfera), id-DIVERSITAS (programm internazzjonali ta' xjenza ta' biodiversità) u l-IHDP (International Human Dimension Programme – Programm dwar id-Dimensjoni Umana Internazzjonali)

¹⁹ 89 pajjiż u l-Kummissjoni huma membri tal-GEO (<http://www.earthobservations.org>)

²⁰ <http://www.ipcc.ch>

²¹ <http://glopidr.globe-network.org/>

²² <http://www.irdirc.org>

²³ <http://www.gacd.org>

²⁴ <https://rd-alliance.org/>

²⁵ <http://www.hfsp.org>

²⁶ <http://council.web.cern.ch/council/en/EuropeanStrategy/ESParticlePhysics.html>

²⁷ <http://www.eiroforum.org>

dwar l-infrastrutturi ta' riċerka globali ġie approvat, flimkien ma' riżoluzzjonijiet importanti dwar l-isfidi globali u d-dejta xjentifika miftuħa.

Is-Samit Rio+20 appella għat-tħejjija ta' aġenda ta' żvilupp għal wara l-2015 li jkollha fil-qalba tagħha l-iżvilupp sostenibbli. Din ser tinkludi l-iżvilupp ta' sett ta' Miri tal-Iżvilupp Sostenibbli li jkunu applikabbli b'mod universali, li jkun ibbażat ukoll fuq reviżjoni tal-progress fl-ilħuq tal-Miri tal-Iżvilupp tal-Millennju.

5. KOMUNIKAZZJONI

Prekundizzjoni għal implimentazzjoni li tirnexxi tal-Komunikazzjoni tal-2012 tikkostitwixxi ħidma fuq l-iżgurar ta' għarfien globali dwar il-preġi tal-UE u r-rwol tagħha fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Biex jintlaħaq dan, il-Kummissjoni fasslet strateġija ta' komunikazzjoni li hija mmirata bi preċiżjoni lejn il-partijiet interessati kollha kemm internazzjonalment fil-pajjiżi sħab u kemm f'fora multilaterali u fl-Istati Membri.

Bħala parti minn dan, il-Kummissjoni nediet kampanja ta' komunikazzjoni li tuża bħala l-messaġġ prinċipali tagħha "Orizzont 2020 – Miftuħ għad-Dinja". Lil hinn mill-fokus tagħha fuq Orizzont 2020, l-istrateġija tal-komunikazzjoni tinkludi wkoll elementi li jimmiraw li jżidu l-viżibbiltà tal-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u r-rwol tal-kooperazzjoni internazzjonali fi ħdanha, u li l-UE tiġi promossa bħala ċentru ta' eċċellenza u għarfien.

Ir-rwol tal-NCPs, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi sħab, huwa vitali fil-promozzjoni ta' Orizzont 2020. Bl-istess mod, in-netwerk tal-Kummissjoni ta' Kunsillieri dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-istaff fid-delegazzjonijiet tal-UE li jittratta r-riċerka u l-innovazzjoni qed ikollu rwol attiv mhux biss fil-promozzjoni ta' Orizzont 2020, iżda anki fin-netwerking mal-Kunsillieri tax-Xjenza tal-Istati Membri, il-gvernijiet lokali u reġjonali u atturi oħrajn. Id-Delegazzjonijiet tal-UE kollha ġew immobilizzati wkoll biex jgħinu biex jintlaħqu l-organizzazzjonijiet ta' riċerka. Fl-aħħar nett, il-proġetti bilaterali mal-pajjiżi sħab għandhom rwol importanti fis-sensibilizzazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' parteċipazzjoni f'Orizzont 2020.

Id-diplomazija xjentifika hija għodda importanti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni. Dan isir, pereżempju, bl-użu tal-opportunitajiet mogħtija mil-laqgħat f'livell għoli biex jitqajjem għarfien dwar il-kooperazzjoni fir-riċerka internazzjonali bħala element ewlieni tal-politiki esterni u biex ikun hemm promozzjoni ta' Orizzont 2020.

Sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija ta' komunikazzjoni, il-Kummissjoni poġġiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku firxa wiesgħa ta' materjal inkluż kartolini postali, fuljetti, preżentazzjonijiet bil-power point, in-newsletter International Research Update, siti elettroniċi dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u vidjow li jispjega d-dimensjoni internazzjonali ta' Orizzont 2020 u l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Biċċa minn dan il-materjal huwa disponibbli fil-lingwi tal-pajjiżi sħab bħar-Russu u ċ-Ċiniż. Ġiet imsaħħa wkoll il-preżenza fuq il-midja soċjali.

6. TISĦIĦ TAS-SINERĠIJI MAL-POLITIKI ESTERNI TAL-UE U L-ATTIVITAJIET TAL-ISTATI MEMBRI

Approċċ globali lejn il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni jimplika wkoll tisħiħ tas-sinerġiji ma' politiki oħra b'dimensjoni globali b'saħħitha u b'mod partikolari mal-politiki esterni tal-UE, inkluż l-iżvilupp, u mal-attivitajiet tal-Istati Membri.

Permezz tad-diplomazija xjentifika, il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni tista' tintuża bħala strument ta' setgħa ta' perswazzjoni u bħala mekkaniżmu għat-titjib tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi u reġjuni ewlenin. Bl-istess mod, relazzjonijiet internazzjonali tajbin jiffaċilitaw il-kooperazzjoni effettiva fir-riċerka u l-innovazzjoni. Id-diplomazija xjentifika tista' tkun ta' appoġġ għall-isforzi tal-UE fil-ġestjoni tal-kriżijiet u l-bini tal-paċi. Pereżempju, infrastrutturi ta' riċerka bħall-faċilità sinkrotron SESAME²⁸ u proġetti dwar kwistjonijiet bħall-impatt tat-tibdil fil-klima u l-implikazzjonijiet għas-sigurtà tal-bniedem²⁹ jistgħu jiffaċilitaw id-djalogu bejn ir-riċerkaturi u l-partijiet interessati fil-Lvant Nofsani.

Sabiex tiġi enfasizzata l-importanza strateġika tal-kooperazzjoni internazzjonali fl-ogħla livell, ir-riċerka u l-innovazzjoni dejjem qed jagħmlu parti akbar mid-djalogu politiku ġenerali mas-sħab internazzjonali tal-UE, kif inhu rifless fil-konklużjonijiet ta' Samits reċenti (il-Brażil, iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Istati Uniti u l-Afrika) u laqgħat oħrajn f'livell għoli (pereżempju, il-Kanada u New Zealand) fl-2013 u l-2014.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-politiki kummerċjali huma marbutin flimkien mill-qrib. In-negożjati dwar il-ftehimiet dwar il-kummerċ ħieles bħas-Sħubija Transatlantika fil-Kummerċ u l-Investment (Transatlantic Trade and Investment Partnership - TTIP) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti huma opportunità biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-kooperazzjoni fl-innovazzjoni.

Il-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-politiki ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-UE. Il-Komunikazzjoni "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla"³⁰ tistieden li jkun hemm politika ta' żvilupp immirata lejn l-implimentazzjoni ta' politiki ta' innovazzjoni li jippermettu li l-pajjiżi f'fażi ta' żvilupp jisfruttaw l-oportunitajiet offruti minn swieq integrati globalment.

L-innovazzjoni hija wkoll dimensjoni rilevanti tal-politika umanitarja tal-UE. Il-Komunikazzjoni "L-Approċċ tal-UE għar-Reżiljenza – Nitgħallmu mill-Kriżijiet tal-Ikel"³¹ issejjaħ għall-promozzjoni ta' approċċi innovattivi lejn il-ġestjoni tar-riskju.

Is-sinerġiji mal-istrumenti politiki esterni ngħataw spinta billi ntużaw bħala appoġġ, fejn xieraq, għaż-żieda fil-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni. Pereżempju, mill-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp għal bejn l-2007 u l-2013, ġew allokati EUR 30 miljun għal Programm ta' Innovazzjoni fil-Ġlieda kontra l-Faqar fl-Afrika ta' Isfel. Il-Programm tal-Għotjiet għar-Riċerka tal-Unjoni Afrikana jappoġġja l-implimentazzjoni tal-politika tal-S&T tal-Unjoni Afrikana. Il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) warrab EUR 35 miljun għall-"Għarfien għall-Iżvilupp". L-Istrument Politiku Ewropew tal-Viċinat (2007-2013) inkluda l-programm reġjonali East-Invest li jkopri sitt pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant kif ukoll programmi bilaterali dwar il-bini tal-kapaċità fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Il-pajjiżi tat-tkabbir huma involuti fl-azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni skont l-Istrateġija tad-Danubju, kif ukoll l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju. Skont l-Istrument għall-Assistenza

²⁸ <http://www.sesame.org.jo/sesame/>

²⁹ <http://www.cliwasec.eu>

³⁰ COM(2011) 637

³¹ COM(2012)586

ta' Qabel l-Adeżjoni qed tingħata attenzjoni speċifika għat-tisħiħ tal-kapaċità tar-riċerka tagħhom.

Ingħatat attenzjoni wkoll biex tinkiseb koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-attivitajiet tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati u daww tal-UE. Dan ġie segwit partikolarment permezz tal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali (SFIC)³². L-SFIC ħadem biex jikseb l-oġettivi tiegħu permezz tal-ġoti ta' pariri strateġiċi dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-SFIC ħejja wkoll linji gwida biex itejjeb il-kontribut tiegħu lejn is-samits u d-djalogi bireġjonali u biex jitwaqqaf grupp ta' ħidma biex jiġu diskussi l-prinċipji komuni. Ġew żviluppati inizjattivi konġunti ma' sħab ewlenin bħall-Indja, il-Brażil, iċ-Ċina u l-Istati Uniti. L-SFIC ikkontribwixxa għall-ippjanar strateġiku tal-prijoritajiet għal kooperazzjoni futura, partikolarment permezz ta' workshop iddedikat li sar fis-26 ta' Marzu 2014³³.

Dimensjoni oħra tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati hija fejn dawn jingħaqdu flimkien sabiex ifasslu u jimplimentaw attivitajiet konġunti. L-istrument tal-Artikolu 185 intuża sabiex titwaqqaf is- Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw³⁴ u qed isir xogħol kontinwu lejn kooperazzjoni Ewro-Mediterranja fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Kummissjoni qed tesplora wkoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali permezz ta' Inizjattivi ta' Programmi Konġunti (JPIs), bħall-JPI dwar l-ilma għall-Indja.

7. PRIJORITAJET GĦAL KOOPERAZZJONI FUTURA

7.1. Ippjanar strateġiku

L-iżvilupp ta' ppjanar strateġiku tal-prijoritajiet għall-kooperazzjoni futura kien element ċentrali tal-Komunikazzjoni tal-2012. L-għan tagħha huwa li jkun hemm identifikazzjoni aktar bikrija tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni bi skala u kamp ta' applikazzjoni xierqa biex jiġu inklużi fil-programmi ta' ħidma ta' Orizzont 2020.

L-identifikazzjoni ta' priyoritajiet li jkun sar qbil fuqhom b'mod konġunt għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab ipprograsat b'mod sinifikanti mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni 'l hawn. Id-djalogi mas-sħab tal-UE huma s-sors primarju tal-ispirazzjoni għal dan l-eżerċizzju ta' ppjanar, u f'dan il-kuntest ġew identifikati priyoritajiet skont il-prinċipji ta' interess komuni, il-benefiċċju reċiproku, l-iskala ottima u l-ambitu, is-sħubija u s-sinerġija. Tingħata aktar informazzjoni dwar dan il-proċess fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

7.2. Kooperazzjoni bilaterali

Eżempji ta' kif il-prijoritajiet ġew stabbiliti ma' pajjiżi sħab jinsabu fil-pjanijiet direzzjonali għall-kooperazzjoni internazzjonali mal-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Korea, il-Ġappun, l-Indja, ir-Russja, l-Afrika ta' Isfel u l-Istati Uniti, li jingħataw fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Sar progress ukoll fit-twaqqif ta' priyoritajiet għal pajjiżi oħrajn. Il-kooperazzjoni mal-Awstralja ser tiffoka fuq l-enerġija, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-materja prima, is-saħħa, is-sikurezza tal-ikel u l-infrastrutturi tar-riċerka.

Għall-Messiku, l-oqsma priyoritarji għall-kooperazzjoni futura jinkludu l-enerġija u, b'mod partikolari, ir-riċerka fl-enerġija ġeotermali, is-saħħa, u l-ICT.

³² <http://www.consilium.europa.eu/policies/era/sfic>

³³ ERAC-SFIC 1359/14

³⁴ <http://www.edctp.org>

Għal New Zealand, il-prijoritajiet għall-kooperazzjoni futura jinkludu s-saħħa u s-sikurezza tal-ikel.

Għall-Ukraina, il-kooperazzjoni ser tiffoka fuq l-ICT, il-materjali ġodda u t-teknoloġiji tal-ipproċessar, il-bijoteknoloġija u t-trasport.

Kien hemm ukoll progress bla xkiel fl-assoċjazzjoni ma' Orizzont 2020. Il-pajjiżi assoċjati jipparteċipaw f'Orizzont 2020 fl-istess livell bħall-Istati Membri. Sal-lum, l-assoċjazzjoni hija kompluta għan-Norveġja, l-Islanda, l-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija, l-Iżrael u l-Moldova.

7.3. Kooperazzjoni Reġjonali

Il-kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-UE u ċerti reġjuni hija ċentrali wkoll għal approċċ globali lejn il-kooperazzjoni internazzjonali. Il-fokus huwa fuq dawk ir-reġjuni li magħhom hemm djalogi politiċi stabbiliti. Il-kooperazzjoni reġjonali hija bbażata wkoll fuq il-bżonn li jiġu indirizzati problemi li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod bilaterali, bħall-mard bħall-malarja, l-HIV, it-tuberkolożi jew sfidi marbutin mal-ambjent, l-użu sostenibbli tar-riżorsi u t-tibdil fil-klima. Il-kooperazzjoni reġjonali tista' tippermetti wkoll li jsir l-aħjar użu mill-infrastrutturi ta' riċerka, bħall-Pjattaforma tar-Radjuastronomija Afrikana-Ewropea³⁵, u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għarfien disponibbli fir-reġjun.

Eżempji ta' kif ġew stabbiliti l-prijoritajiet f'kuntest reġjonali jistgħu jinstabu fil-pjanijiet direzzjonali għar-reġjun tal-Mediterran u għar-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant.

Għall-Afrika, l-oqsma eżistenti ta' kooperazzjoni huma: ir-riċerka fis-saħħa permezz tas-Sħubija Ewropea għall-Provi Kliniċi tal-Pajjiżi li Qegħdin f'Fażi ta' Żvilupp (EDCTP 2), l-Osservazzjoni tad-Dinja Globali, u l-ICT, filwaqt li għall-futur id-Djalogu Politiku f'Livell Għoli bejn l-UE u l-Afrika identifika s-sikurezza tal-ikel u n-nutrimient u l-agrikoltura sostenibbli bħala prijorità.

Fir-rigward tal-Komunità tal-Istati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC), il-prijoritajiet għall-kooperazzjoni futura huma l-bijoekonomija, l-enerġija rinnovabbli, l-ICT, is-saħħa u l-bijodiversità u t-tibdil fil-klima, kif ukoll il-karrieri tar-riċerkaturi.

Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Golf ser tiffoka fuq is-sikurezza tal-enerġija, l-ambjent (inklużi l-ilma u l-klima), is-saħħa u l-ICT.

Fir-rigward tal-ASEAN, il-prijoritajiet għall-kooperazzjoni futura huma l-ikel, l-agrikoltura u l-bijoteknoloġiji u b'mod partikolari l-akkwakultura, is-saħħa, l-ICT u l-enerġija rinnovabbli.

8. KONKLUŻJONIJIET

Filwaqt li sar progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni mnedija fl-2012, jidher ċar milli ntqal aktar 'il fuq li dan huwa biss punt ta' tluq u li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi.

Id-dimensjoni internazzjonali ta' Orizzont 2020 u l-programmi ta' ħidma tiegħu jeħtieġ li jkomplu jissaħħu permezz ta' integrazzjoni aħjar tal-kooperazzjoni internazzjonali fl-Ipprogrammar Strateġiku ta' Orizzont 2020 u l-iżvilupp ta' programmi ta' ħidma. Dan jeħtieġ li jkun ibbażat fuq il-prijoritajiet għall-kooperazzjoni internazzjonali futura li ġew stabbiliti permezz tal-eżerċizzju ta' ppjanar strateġiku.

³⁵

<http://www.aerap.org>

Barra minn hekk, jeħtieġ li jitkompla x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' prinċipji u kundizzjonijiet ta' qafas komuni u li jitneħħew l-ostakoli għall-kooperazzjoni, billi dan huwa essenzjali biex jittejbu l-livell u l-kwalità tal-attività tal-kooperazzjoni internazzjonali.

Jeħtieġ ukoll li jsir aktar xogħol fir-rigward tal-monitoraġġ tal-impatt tal-istrateġija permezz ta' indikaturi kwantitattivi. Kif tħabbar fil-Komunikazzjoni 2012, dan ser jinvolti l-monitoraġġ tad-dimensjoni globali sħiħa tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali, sabiex isir pass lil hinn mis-sempliment kejl tal-parteċipazzjoni diretta ta' entitajiet minn pajjiżi terzi fi ftehimiet ta' għotjiet iffirmati ta' Orizzont 2020. Minħabba li Orizzont 2020 ilu biss li tnieda mill-1 ta' Jannar 2014, għadu kmieni wisq biex isir rapport dwar dan f'dan l-istadju.

L-istrateġija ta' komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali ser tkompli tiġi rfinuta u implimentata billi dan huwa element kruċjali biex ikun hemm sensibilizzazzjoni u promozzjoni ta' Orizzont 2020 bħala programm miftuħ għad-dinja. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni ser tkompli tiffoka fuq id-diplomazija xjentifika u tistinka biex ittejjeb is-sinerġiji mal-politiki esterni tal-UE u mal-Istati Membri.

B'mod aktar partikolari, il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ser jintuża biex ikompli jissaħħaħ approċċ li jinkorpora d-dimensjoni globali tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi globali u li jintlaħqu riżultati b'impatti akbar.